**L-Orkestra Filarmonika ta' Malta**

*Għal nofs seklu, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta kienet fuq quddiem fl-istorja mużikali ta' pajjiżna*

L-orkestra twaqqfet f'April tal-1968, meta l-mużiċisti li spiċċaw minn dik li kienet il-banda tal-Ammirall tal-Flotta Ingliża fil-Mediterran ibbażata f'Malta, iffurmaw l-Orkestra tat-Teatru Manoel. Hija baqgħet l-orkestra residenti tat-teatru sa Settembru tal-1997 meta saret orkestra indipendenti bl-isem ta' Orkestra Nazzjonali. Imbagħad saret l-Orkestra Filarmonika ta' Malta fl-2008 meta kibret għal livell ta' orkestra sinfonika bl-aqwa mużiċisti minn Malta kif ukoll oħrajn mill-Ewropa u anki barra minnha.

Joseph Sammut, l-aħħar surmast mal-Ammirall, kien l-ewwel direttur mużikali tal-orkestra u serva sal-1992. Minn dakinhar l-orkestra kienet taħt id-direzzjoni ta' Joseph Vella, John Galea, Michael Laus u Brian Schembri. Fl-2019, Sergey Smbatyan inħatar bħala Direttur Mużikali Prinċipali u inghaqad mad-Direttur Residenti Michael Laus fi hdan t-tim artistiku ta' l-orkestra. L-MPO taħdem ukoll ma' diretturi u solisti lokali u internazzjonali fosthom Lawrence Renes, Michalis Economou, Guy Braunstein, Alexei Volodin, Camilla Tilling, Joseph Calleja u Enrico Dindo.

Bħala l-unika orkestra professjonali f'Malta, l-MPO ikollha bejn wieħed u ieħor kunċert fil-ġimgħa li jinkludu sinfoniji, produzzjonijiet operistiċi f'Malta u Għawdex, attivitajiet fil-komunità, inizjattivi edukattivi kif ukoll kunċerti ta' mużika ħafifa.
L-orkestra daqqet fl-aqwa swali madwar id-dinja fosthom fl-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġermanja, l-Awstrija, iċ-Ċina, l-Italja u l-Belġju u bħalissa qiegħda torganizza mill-inqas tour wieħed f'kull staġun.

L-MPO tippromovi lill-kompożituri Maltin billi tinterpreta xogħlijiethom kemm f'Malta kif ukoll barra. Dan minbarra li doqq xogħlijiet lokali għall-ewwel darba u tikkummissjona xogħlijiet ġodda wkoll

www.maltaorchestra.com